MINISTRY FOR THE ENVIRONMENT,
SUSTAINABLE DEVELOPMENT AND CLIMATE CHANGE

# Laqgħa għall-Applikanti Sotto-Miżura 19.2

**31 ta' Mejju 2019**

**Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rurali**

environment.gov.mt

# Linji Gwida



- Tagħrif ġenerali u għajnuna għall-Benefiċjarji meta jissottomettu talbiet għall-ħlas

- Ir-rekwiżiti applikabbli għall-eliġibilità taħt kull sotto-miżura tal-Programm tal-Iżvilupp Rurali jibqgħu dawk maħruġa minn żmien għal żmien mill-Awtorità ta' Ġestjoni/Local Action Group

# Formula tal-Bank għall-Ħlas (*Bank Payment Form*)



- Ma jinħarġux ħlasijiet jekk ma timtelix din il-formula
- L-ARPA għandha tirċievi l-formula originali iffirmata mill-bank
- Kopja tal-formula:
  - *Front Office*, Il-Pitkalija, Ta' Qali, limiti ta' Ħ'Attard
  - Uffiċċju Ewlieni tal-Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rurali, l-Għammieri, il-Marsa
  - Uffiċċju tal-Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rurali, Farm Sperimentali, Triq l-Imġarr, Ix-Xewkija, Għawdex

# Proċeduri ta’ Xiri



- Verifiki fuq proċeduri ta’ xiri qabel ma jsir il-ħlas
- Proċeduri ta’ xiri għandhom ikunu konformi mar-Regolamenti dwar ix-Xiri Pubbliku (*Public Procurement Regulations*)
- Nuqqas ta’ konformità ma’ dawn ir-regolamenti jistgħu jwasslu għal tnaqqis fil-ħlas

# Kwotazzjonijiet



- Kwotazzjoni minn għand minimu ta' **tlett fornituri differenti u indipendenti**; **datati mhux aktar minn 6 xhur qabel ma jibda x-xogħol**
- Għandhom ikunu komparabbli fl-ispeċifikazzjonijiet mudellari, xogħlijiet li jridu jitwettqu jew servizzi li jridu jiġu fornuti
- Jiġu aċċettati biss kwotazzjonijiet oriġinali
- Jekk fornitur joħroġ kwotazzjoni b'mod elettroniku u jibgħata lill-benefiċjarju permezz ta' imejl, il-benefiċjarju għandu jissottometti kopja tal-imejl minn għand il-fornitur

# Kwotazzjonijiet (ikompli)



- Kull fornitur għandu jkollu numru ta’ reġistrazzjoni tal-VAT
- Kull kwotazzjoni għandu jkollha:
  - Data
  - Numru ta’ riferiment uniku
  - Numru tal-VAT tal-fornitur
  - Isem tal-fornitur
  - Indirizz tal-fornitur
  - Numru tal-VAT tal-benefiċjarju
  - Isem tal-benefiċjarju
  - Indirizz tal-benefiċjarju

# Kwotazzjonijiet (ikompli)



- Deskrizzjoni ċara tal-oġġett, servizz jew xogħol li se jiġu fornuti, bl-ispeċifikazzjonijiet kollha u l-kwantitajiet meħtieġa ta' oġġetti, il-prezz għal kull oġġett u l-ammont nett
- L-ispeċifikazzjonijiet għandhom jinkludu l-għamla, dimensjonijiet, attribwiti marbuta mal-enerġija u l-kwalità tal-materjal kif applikabbli
- Ammont nett għal kull oġġett u r-rata ta' VAT applikabbli

# Fiskalità tal-Fatturi



- Fattura tat-taxxa (*invoice*) għandha tinkludi d-dettalji li ġejjin:
  - Id-data tal-ħruġ
  - Numru sekwenzjali li jidentifika b'mod uniku l-fattura
  - L-isem, l-indirizz u n-numru tal-VAT tal-fornitur
  - L-isem, l-indirizz u n-numru tal-VAT tal-klijent
  - Id-data li l-provvista ġiet fornuta jew tlestiet jew id-data li fiha sar pagament f'kont ta' fornitur

# Fiskalità tal-Fatturi (ikompli)



- Deskrizzjoni suffiċjenti li tidentifika l-kwantità u n-natura tal-oġġetti jew il-firxa u n-natura tal-oġġetti jew il-firxa u n-natura tas-servizzi applikati
- Tqassim tal-prezz f'każ ta' oġġetti jew servizzi multipli f'fattura waħda u t-tqassim tal-prezz b'distinzjoni ċara tal-ammonti li jeskludu l-VAT, l-element ta' VAT u t-total gross tal-fattura

# Fiskalità tal-Fatturi (ikompli)



- Fatturi oriġinali biss
- Jekk fornitur joħroġ fattura b'mod elettroniku u jibgħatha lill-beneficjarju permezz ta' imejl, il-beneficjarju għandu jissottometti kopja tal-imejl mill-fornitur
- Talbiet għal ħlas (*request for payment*) kemm-il darba d-dettalji kollha li jinkludu d-data tal-ħruġ, numru tat-talba, isem, indirizz u n-numru tal-VAT tal-fornitur u l-isem, indirizz u n-numru tal-VAT tal-klijent ikunu kollha preżenti

# Fiskalità tal-Fatturi (ikompli)



- F'każ ta' talba għall-ħlas, għandha tiġi sottomessa rċevuta tal-VAT
- Jekk din tkun iġġenerata bil-kompjuter għandu jkollha numru EXO li tapprova din il-proċedura
- Fatturi kollha jridu jkunu maħruġa f'isem il-benefiċjarju
- Dokumenti miktuba bl-idejn huma aċċettati biss jekk ikunu ffirmati mill-fornitur

# Prova Valida ta' Ħlas (*Proof of Payment*)



- Irċevuta fiskali tal-VAT/Irċevuta tal-*cash register*
- Irċevuta maħruġa permezz ta' sistema kompjuterizzata li ġiet awtorizzata mid-Dipartiment tal-VAT u tinkludi numru EXO
- Trasferiment bankarju/transazzjoni rilevanti f'dikjarazzjoni ta' bank
- Immaġni ta' ċekk imsarraf

# Rimborż ta' pagi



- Kopja tal-kuntratt tal-impjieg tal-impjegat mal-entita;
- Ċertifikat tal-Jobsplus li jikkonferma l-impjieg mal-entita;
- Skedi tal-attendenza għal kull impjegat iċċertifikati korretti mill-management tal-entita;

# Rimborż ta' pagi (ikompli)



F'każ ta' rimborż ta' pagi, bonusis, supplimenti ta' dħul u kontribuzzjonijiet tas-sigurta soċjali, għandu jintalab dan li ġej bħala prova ta' ħlas:

- Payslips li jinkludu n-numru PE;
- Referenza taċ-ċekk/dettalji tat-trasferiment bankarju għandu jkun preżenti fuq il-payslips;
- Immaġni ta' ċekk imsarraf jew irċevuta ta' transazzjoni permezz tal-internet banking biex jintwera li l-pagi tassew ġew imħallsa;
- Talbiet għall-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali ikunu sostnuti bi prova ta' ħlas (immaġni ta' ċekkijiet imsarraf jew irċevuta ta' transazzjoni bankarja) kif ukoll kopja tal-FS5 sottomessa lid-Dipartiment tat-Taxxi Interni (IRD) u l-irċevuta korrispondenti mogħtija mill-IRD.

# Talba għal Ħlas (*Payment Claim*)



- Żewġ tipi:
  - Ħlas *Interim*
  - Ħlas Finali

- Skont il-miżura u l-istadju li fih ikun wasal il-proġett

# Ħlasijiet *Interim*



- Benefiċjarju jista' jissottometti talbiet għal ħlasijiet *interim*
- Dawn il-ħlasijiet isiru f'lottijiet li ma jistgħux jaqbżu 80% tal-ispejjeż eliġibbli totali

# Ħlas Finali



- Meta jkun tlesta l-proġett, tista' ssir it-talba għall-ħlas finali
- It-talba finali għandha tkun akkumpanjata mill-fatturi kollha meħtieġa u prova valida ta' ħlas kif ukoll dokumentazzjoni oħra rilevanti kif meħtieġ skont il-linji gwida tal-miżura
- Qabel il-ħlas finali, l-Aġenzija tagħmel verifiki fuq il-post sabiex tikkonferma li l-proġett ikun twettaq b'konformità mal-kundizzjonijiet miftehma

# Dikjarazzjoni ta' Tlestija



- Mat-talba għall-ħlas finali għandha tiġi sottomessa id-dikjarazzjoni li tinsab f'Anness 1 tal-linji gwida (li tinsab ukoll fuq il-websajt tal-Aġenzija www.arpa.gov.mt)
- Permezz ta' din il-benefiċjarju jkun qed jiddikjara:
  - li l-proġett tlesta b'konformità mal-proġett approvat
  - li x-xogħlijiet kollha rilevanti tlestew
  - li kull struttura mibnija bħala parti mill-proġett qed taħdem, jiġfieri li qed tintuża għall-użu li għalih kienet maħsuba oriġinarjament fl-applikazzjoni tal-ftehim tal-għotja
  - li kull tagħmir akkwistat bħala parti mill-proġett huwa installat, kummissjonat, qed jaħdem b'mod sħiħ u jintuża regolarment

<BENEFICIARY LETTERHEAD>



**Measure:**

**Contract Number:**

**Name of Beneficiary:**

I, the undersigned, declare that the project governed by Grant Agreement <insert contract number> and any respective addenda has been completed. I also declare that all the relevant works have been completed and all structures built are fully functional in line with the scope of the approved project. I also declare that all the equipment procured as part of the project has been installed, commissioned, is fully functional and in regular use.

<Name in Block Letters>

<Signature>

<Date>

# Fejn??

MINISTRY FOR THE ENVIRONMENT,
SUSTAINABLE DEVELOPMENT AND CLIMATE CHANGE

- Il-*Front Office*, Il-Pitkalija, Ta’ Qali, limiti ta’ Ħ’Attard
- Fl-Uffiċċju Ewlieni tal-Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rurali, l-Għammieri, il-Marsa
- Fl-Uffiċċju tal-Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rurali, Farm Sperimentali, Triq l-Imġarr, Ix-Xewkija, Għawdex
- L-Aġenzija se tirreġistra u toħroġ irċevuta għal kull talba għall-ħlas

# Dokumenti Meħtieġa?

MINISTRY FOR THE ENVIRONMENT,
SUSTAINABLE DEVELOPMENT AND CLIMATE CHANGE

- Formula għal talba ta' ħlas (disponibbli mill-websajt tal-Aġenzija www.arpa.gov.mt – downloads - applications) – oriġinali u ffirmata mill-benefiċjarju
- Fattura/i (oriġinali) pertinenti għas-servizz, forniment jew ħidmiet provduti u li għalihom qed issir it-talba bħala parti mit-talba ta' ħlas rilevanti
- Prova valida ta' ħlas fir-rigward ta' kull fattura (oriġinali)

# Dokumenti Meħtieġa? (Ikompli)



- Evidenza fotografika ta' kull provvista jew xogħol kopert bit-talba għall-ħlas
- Fil-każ ta' xogħol strutturali, it-talba trid tiġi sostnuta b'kont tal-kwantitajiet attestati (BOQ) minn perit bil-*warrant* li jkopri l-ammont/i fatturat/i. Il-BOQ irid jiġi sostnut b'evidenza fotografika tax-xogħlijiet, li jinkludi evidenza tax-xogħlijiet fil-fażijiet differenti sabiex tingħata prominenza lil ċertu strutturi li jistgħu ma jkunux viżibbli malli x-xogħol jitlesta

# Il-Proċess ta’ Verifika



- L-Aġenzija tagħmel numru ta’ verifiki:
  - Eliġibilità tal-ispiża
  - Proċedura ta’ xiri
  - Verifiki fuq kwotazzjonijiet (inkluż l-awtentiċità)
  - Verifiki fuq fatturi u provi ta’ ħlas (inkluż l-awtentiċità)
  - Verifika fuq il-korrettezza u l-kompletezza tal-informazzjoni inkluża fit-talba għall-ħlas

# Kjarifiki



- Talba għall-ħlas li jkun fiha tagħrif mhux korrett jew nieqes tiġi rrifjutata
- L-Aġenzija tista' titlob lill-benefiċjarju jissottometti kjarifiki jew dokumentazzjoni addizzjonali – **se tingħata skadenza ta' mhux aktar minn 10 ijiem ta' xogħol mid-data ta' meta tinbagħat it-talba għall-kjarifika**
- **Jekk il-benefiċjarju ma jissottomettix il-kjarifika mitluba fiż-żmien stipulat, it-talba għall-ħlas tiġi rrifjutata**
- **It-talba għall-ħlas u d-dokumentazzjoni ta' sostenn tintbagħat lura lill-benefiċjarju permezz ta' imejl kif ukoll permezz ta' ittra reġistrata**

# Tnaqqis u Sanzjonijiet fuq Talbiet ta' Ħlas

MINISTRY FOR THE ENVIRONMENT,
SUSTAINABLE DEVELOPMENT AND CLIMATE CHANGE

- Meta spejjeż mhux eliġibbli jiddaħħlu mill-Benefiċjarju bil-għan li jikseb ħlasijiet f'manjiera irregolari, tnaqqis u sanzjonijiet għandhom jiġu applikati b'konformità mal-Artikolu 63 tar-Regolament (UE) Nru 809/2014, għajr meta l-benefiċjarju jista' jipprovdi ġustifikazzjoni għall-ispiża mhux eliġibbli mitluba

# Tnaqqis u Sanzjonijiet fuq Talbiet ta' Ħlas (Ikompli)



- Dan it-tnaqqis jiġi kkalkulat b'dan il-mod:
  - Jekk il-valur tal-ispejjeż mhux eliġibbli huma aktar minn 10% tal-valur totali tat-talba għall-ħlas, allura sanzjoni ekwivalenti għall-valur tad-diskrepanza tiġi miżjuda mat-tnaqqis mill-ammont eliġibbli stabbilit mit-talba għall-ħlas qabel mal-ħlas jiġi pproċessat għall-awtorizzazzjoni

# Tnaqqis u Sanzjonijiet fuq Talbiet ta' Ħlas (Ikompli)



- *Linji Gwida li jistabilixxu korrettezza finanzjarja f'każ ta' spejjeż finanzjati mill-Unjoni taħt ġestjoni kondiviża, fin-nuqqas ta' konformità mar-regoli ta' xiri pubbliku* tal-Kummissjoni Ewropea
- Tnaqqis f'sitwazzjonijiet li jagħtu lok għal kunflitt ta' interess, bħal per eżempju:
  - fornituri relatati, fornituri li għandhom relazzjoni diretta mal-Benefiċjarju
  - kumpaniji li fihom il-Benefiċjarju jew rappreżentant tal-Benefiċjarju għandhom kontroll dirett jew ishma fihom, eċċ
  - nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti t'akkwist, eċċ.

# Irkupru ta’ Dejn



- Meta l-Aġenzija tidentifika:
  - ħlasijiet mhux dovuti maħruġa lill-Benefiċjarju
  - tinduna li saru xi irregolaritajiet mill-Benefiċjarju
- Permezz ta’ notifika mibgħuta lill-istess benefiċjarju b’ ittra elettronika u sussegwentement bil-posta reġistrata
- Notifika tinkludi l-ammont li jrid jiġi rkuprat u r-raġuni għall-irkupru ta’ dawn l-ammonti
- Il-Benefiċjarju hu meħtieġ li jew jaċċetta d-dejn jew joġġezzjona għalih

# Ikupru ta' Dejn (Ikompli)



- **Aċċettazzjoni tad-Dejn**: il-benefiċjarju jaċċetta li l-ammont imsemmi jiġi mnaqqas minn xi ħlasijiet li jkunu dovuti lilu. Jekk il-Benefiċjarju ma jkollux aktar ħlasijiet ġejjin, **id-dejn irid jitħallas fi żmien 30 jum mid-data tan-notifika**.
- **Oġġezzjoni**: għandha tiġi mimlija u sottomessa lill-Aġenzija **fi żmien 15-il jum mid-data tan-notifika tad-dejn**. L-oġġezzjonijiet ser jiġu riveduti mill-Bord tal-Oġġezzjonijiet tal-Aġenzija. Il-Benefiċjarju ser jiġi notifikat bil-miktub dwar id-deċiżjoni tal-Bord biex jaċċetta jew jirrifjuta tali Oġġezzjoni.
- Formuli mill-websajt tal-Aġenzija www.arpa.gov.mt – downloads - applications

# Ikupru ta’ Dejn (Ikompli)



- Jekk il-benefiċjarju jkollu xi dejn pendenti wara li jgħaddu 60 jum kalendarji mid-data tan-notifika u ma jkunx issottometta aċċettazzjoni tad-dejn u lanqas oġġezzjoni, ser jiġi applikat imgħax b’rata ta’ 8% b’konformità mar-Regolament tal-UE Nru 1122/2009, id-Direttiva tal-UE 2011/7 u l-Artikolu 1852 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta’ Malta

# Forza Maġġuri *(Force Majeure)*



- Ċirkostanza mhux normali jew mhix prevedibbli lil hinn mill-kontroll tal-Benefiċjarju
- Notifika lill-Aġenzija bil-miktub li tinkludi kull dokumentazzjoni ta' sostenn **fi żmien 15-il jum ta' xogħol** mid-data li fiha l-benefiċjarju jew il-persuna intitolata minnu/minnha jkun f'pożizzjoni li jagħmel hekk (il-formula titniżżel mill-websajt tal-Aġenzija www.arpa.gov.mt)
- Talbiet bħal dawn jiġu riveduti mill-Bord tal-Aġenzija fuq *Force Majeure* u l-benefiċjarju ser jiġi notifkat bil-miktub bid-deċiżjoni tal-Bord jekk it-talba tiegħu/tagħha ġietx aċċettata jew rifjutata

# Kontrolli fuq il-Post

MINISTRY FOR THE ENVIRONMENT,
SUSTAINABLE DEVELOPMENT AND CLIMATE CHANGE

- Minn diversi entitajiet fosthom l-ARPA, l-MA u s-CB (IAID)
- Waqt l-implimentazzjoni tal-proġett, qabel ma jinħareġ l-aħħar ħlas kif ukoll wara li jitlesta l-proġett sa massimu ta’ 5 snin mill-aħħar pagament

# Kuntatti



arpa.mesdc@gov.mt

Tel: 2292 6148